MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 386/2004

**Frankie Caruana**

**Vs**

**R & R Waste Kleaners Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm710.00c (seba' mija u ghaxar liri Maltin) rapprezentanti salarji ghax-xahar ta' Dicembru 2002 u ghall-perjodu mid-19 t'Awissu 2003 sas-27 ta' Settembru 2003 u l-bonuses relattivi ghas-sena 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attur li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm710.00c (seba' mija u ghaxar liri Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------